SAN GILJAN
# KUMITAT AMMINISTRATTIV
Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 21c/KA1/12

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 28/05/'12** 21

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 28/05/'12** 25

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2012.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Giljan, fis-6.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Mary Grace Scicluna
Il-Membru Carmel Agius

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Josianne Cutajar

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.05 Iċ-Ċermen Richard Scicluna ppresieda l-laqgħa.

### 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

### 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-23 ta' Mejju 2012. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Triq Spinola
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq u ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 21b/KA1/12.

1.3.02 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P157 | Ittra mingħand Maniera Group rigward talba għal rilaxxament tal-garanzija imposta mill-MEPA dwar xogħolijiet li saru fi Triq Ball kantuniera ma' Triq Wilġa. |
| P158 | Ittra mingħand Maniera Group rigward talba għal rilaxxament tal-garanzija imposta mill-MEPA dwar xogħolijiet li saru fi Triq Ross. |
| P166 | Ittra mingħand Maniera Group rigward talba għal rilaxxament tal-garanzija imposta mill-MEPA dwar xogħolijiet li saru fi Triq Ross/Salvu Privitera. |
| P172 & P348 | Emails mingħand is-Sur David Soler rigward fondi b' konnessjoni mal-kontravenzjonijiet – San Ġiljan u Paceville. |
| P236 | Ittra mingħand Boss Store Malta rigward talba sabiex ipoġġu ground tal-golf temporanju. |
| P364 | Email mingħand it-Transport Malta rigward *road hump* fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Gort, San Ġiljan. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P157, P158 u P166 - KA99/5b & 249/12-JC, KA100/5b & 249/12-JC, KA101/5b & 249/12-JC

2.01 Saret riferenza għall-ittri mingħand Maniera Group rigward talba għal rilaxxament tal-garanziji imposta mill-MEPA dwar xogħolijiet li saru fi Triq Ball kantuniera ma' Triq Wilġa, Triq Ross u Triq Ross kantuniera ma' Triq Salvu Privitera. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni sabiex jiġu rilaxxati dawn il-garanziji.

Rif. Nru. P236 - Inc. P418/12

2.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand Boss Store Malta rigward talba sabiex jitpoġġa ground tal-golf temporanju. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi meħtieġa u jkun responsabli għall-kwalunkwe konsegwenza li tista' tinqala'.

Rif. Nru. P364 - KA0102/43f & Enc. F1/12-JC

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward *road hump* fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Gort. Ġie deċiż unanimament li t-Trasport Malta tiġi nfurmata li r-*road hump* titqiegħed fejn hemm il-Candles Restaurant u l-Avenue Restaurant minħabba li ma joqogħdux residenti f'dik l-area u b'hekk ma tkunx ta' inkonvenjent .

## 3 Triq Spinola

3.01 Il-Membru Carmel Agius wasal fis-6.25p.m.

3.02 Il-Kumitat ġie notifikat li l-bankini ta' Triq Spinola tlestew u ser jibda ix-xogħol tad-drenaġġ.

3.03 Il-Kumitat ġie notifikat li nħareġ avviż sabiex isir xogħol ta' *surveying* fl-area ta' Triq Spinola, in-naħa tal-Palazz Spinola, fejn ser isir il-pavimentar.

3.04 Dan l-avviż jagħlaq fl-1 ta' Ġunju 2012 (Ara Appendiċi 'A'). Il-Kumitat qabel unanimament li tintgħażel il-kwotazzjoni l-aktar vantaġġjuża.

## 4 Komunikazzjoni mic-Ċermen

4.01 Ic-Ċermen innforma lill-Kumitat li ser tintbagħat ittra lit-Transport Malta fejn tiġi nfurmata li jekk ma hemmx xi oġġezzjoni l-Kumitat Amministrattiv ser iwaħħal numru ta' tabelli f'diversi toroq ta' Paceville, bil-qies ta' 29.5 cm x 42 cm. (Ara Appendiċi 'B').-KA93/43b/12-CS

4.02 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Pulizija sabiex jittieħdu passi neċessarji minħabba li:- KA0104/11/12-CS

a) fil-bajja ta' Dragonara hemm xi rġiel li qed jilbsu ndiċenti u qed jagħmlu atti ndiċenti fil-pubbliku. Dan l-aġir qed isir bejn l-10.00 ta' filgħodu u l-5.00 ta' filgħaxija.

b) fuq il-bajjiet qed ikun hemm nisa libsin 'topless' u qed ikunu libsin indiċenti fil-pubbliku.

4.03 Tintbagħat talba lit-Transport Malta sabiex il-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq il-Knisja ssir tal-paving blocks, bħal ma hemm f'tas-Sliema, peress li ż-żebgħa qeda tmur wara ġimgħa. -KA105/43b/12-JC

4.04 Is-Sindku ġie skużat fis-7.00 p.m.

## 5 Approvazzjoni għall-Pagamenti

5.01 Ic-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara appendici 'C')

5.02 Il-Membru Grace Scicluna ssekondatu.

5.03 Il-Kumitat qabel unanimament iżda taħt protesta kontra l-kuntrattur tal-marki tat-toroq u l-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart minħabba li l-Kumitat jidhirlu li dawn il-kuntratturi mhux jagħmlu xogħol tajjeb.

## 6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 144 sa nru. 172 għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara appendiċi 'D').

6.02 Il-Membru Grace Scicluna ssekondatu.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.04 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju 2012 fis-6.00p.m.

6.05 Il-Membru Carmel Agius talab li jiġi skużat għal din il-laqgħa minħabba li ser ikun imsiefer.

6.06 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fis-7.20p.m.

9/4/12

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**